

32004R1756

L 313/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.10.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1756/2004**tal-11 ta' Ottubru 2004**

li jispeċifika l-kondizzjonijiet dettaljati għall-evidenza meħtieġa u l-kriterji għat-tip u l-livell ta' riduzzjoni tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti ta' ċertu pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra elenkati fil-Parti B ta' l-Anness V għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

2000/29/KE jippreżentaw riskju għoli għall-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew prodotti tal-pjanti, it-tnaqis m'għandhux japplika għalihom.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(4) Kondizzjonijiet speċifiċi huma mniżżla għall-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra li huma soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fil-Komunità permezz ta' deroga skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/29/KE. Għalhekk, l-imsemmija pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra m'għandhomx ikunu soġġetti għal kontrolli tas-saħħa tal-pjanti b'inqas frekwenza.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti u kontra it-tixrid tagħhom fil-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13a(5)(c) tagħha,

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

Billi:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

(1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, il-kunsinni kollha tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra elenkati fil-Parti B ta' l-Anness V tagħha għandhom fil-prinċipju jkunu ssuġġettati għal kontrolli ta' identità u saħħa tal-pjanti qabel ma' jitħallew jidħlu fil-Komunità.

Artikolu 1

(2) Sabiex kontrolli tas-saħħa tal-pjanti jitħallew isiru b' inqas frekwenza, huwa neċessarju jiġu pprovduti kondizzjonijiet dettaljati għall-evidenza, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 13a(2) tad-Direttiva 2000/29/KE li l-pjanti, l-prodotti tal-pjanti jew l-oġġetti l-oħra elenkati fil-Parti B ta' l-Anness V tagħha, li huma ntrodotti fil-Komunità, jissodisfaw il-kondizzjonijiet mniżżla f'dik id-Direttiva.

Dan ir-Regolament għandu japplika għal kontrolli tas-saħħa tal-pjanti pprovduti fl-Artikolu 13a(1)(b)(iii) tad-Direttiva 2000/29/KE dwar pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra elenkati fil-Parti B ta' l-Anness V għad-Direttiva 2000/29/KE li joriġinaw f'pajjiż speċifiku, territorju jew parti tiegħu (hawn aktar 'il quddiem il-"prodotti konċernati"), bl-eċċezzjoni ta':

(3) Peress illi l-pjanti ntenzjonati għat-tħawwil u pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra li huma soġġetti għall-miżuri adottati skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva

a) pjanti ntenzjonati għat-tħawwil;

b) kwalunkwe pjanta, prodott tal-pjanta jew oġġett ieħor li huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni li tippermetti importazzjoni fil-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/29/KE;

(¹) ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/70/KE (ĠU L 127, tad-29.4.2004, p. 97).

c) kwalunkwe pjanta, prodott tal-pjanta jew oġġett ieħor li huwa soġġett għall-miżuri temporanji skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE;

- d) kwalunkwe pjanta, prodott tal-pjanta jew oġġett ieħor msemmi fl-elenku stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 13a(5) (b) tad-Direttiva 2000/29/KE.

Artikolu 2

1. Kwalunkwe Stat Membru jista' japplika mal-Kummissjoni biex prodott konċernat ikun soġġettat għal kontrolli tas-saħħa tal-pjanti b'inqas frekwenza. L-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni mniżżla fl-Anness I.

2. B'osservazzjoni għall-kondizzjonijiet f'Artikolu 3 u b'applikazzjoni tal-kriterji f'Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tipprepara elenku ta' prodotti konċernati għal xhiex kontrolli tas-saħħa tal-pjanti b'inqas frekwenza jistgħu isiru, u tispeċifika l-livell ta' inqas frekwenza.

3. Wara konsultazzjoni fil-Kumitat msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2000/29/KE, il-Kummissjoni għandha tippublika dan l-elenku.

Artikolu 3

Il-prodott konċernat jista' jkun soġġett għal kontrolli tas-saħħa tal-pjanti b'inqas frekwenza basta li:

- a) in-numru medju ta' kunsinni fuq medda ta' tlett snin tal-prodott ikkonċernat ntrodott fil-Komunità kull sena huwa ta' lanqas 200, u
- b) in-numru minimu ta' kunsinni tal-prodott ikkonċernat għal xhiex saru kontrolli matul it-tlett snin ta' qabel hija ta' lanqas 600, u
- c) in-numru ta' kunsinni tal-prodott konċernat kull sena li nstabu nfettati mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara msemmija f'punt (e) ta' l-Anness I hija inqas minn 1% tan-numru totali ta' kunsinni ta' l-imsemmi prodott konċernat impurtat fil-Komunità; u
- d) l-applikazzjoni għall-prodotti konċernati kif imsemmija fl-Artikolu 2.1 hija disponnibbli għand il-Kummissjoni.

Artikolu 4

1. Il-livell ta' frekwenza mnaqqa, kif imsemmija fl-Artikolu 2(2), għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

- a) in-numru ta' kunsinni tal-prodott konċernat miżmuma min-ħabba l-preżenza ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara inklużi fl-elenku msemmi fil-punt (e) ta' l-Anness I;
- b) il-mobilità stmata ta' l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara nklużi fl-elenku msemmija fil-punt (e) ta' l-Anness I fl-iżjed stadju mobbli fejn l-organiżmu jista' jiżviluppa fuq il-pjanta rilevanti jew il-prodott tal-pjanta;
- c) in-numru ta' kunsinni tal-prodotti konċernati fuq xhiex sar kontroll fiżiku tas-saħħa tal-pjanti;
- d) kwalunkwe fattur ieħor għal determinazzjoni tar-riskju fito-sanitarju min-negozju kkonċernat;

2. It-tip ta' frekwenza mnaqqa għandha tkun espressa bħal-ħa l-persentaġġ minimu tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti li jistgħu jsiru mill-Istati Membri fuq il-prodotti konċernati. Dan il-persentaġġ minimu japplika għal kull Stat Membru għall-kunsinni kollha li jikkonsistu fil-prodotti konċernati mpurtati fit-territorju tiegħu.

Artikolu 5

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, għall-għan tal-*monitoring* ta' l-importazzjoni tal-prodotti konċernati għal xhiex isiru kontrolli tas-saħħa tal-pjanti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri li qed jimpurtaw għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni elenkata fl-Anness II, l-aktar tard sal-31 ta' Marzu kull sena.

2. Abbażi ta' din l-informazzjoni, u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport u għandha teżamina jekk u b'liema frekwenza kontrolli tas-saħħa tal-pjanti għall-prodotti konċernati jistgħu xorta jsiru b'inqas frekwenza skond dan ir-Regolament.

3. Jekk 1% tan-numru totali ta' kunsinni importati li jikkonsistu fil-prodott ikkonċernat u soġġett għal frekwenza mnaqqsa skond dan ir-Regolament, jinstab nfettat minn kwalunkwe organizzu elenkat fl-Annessi I jew II tad-Direttiva 2000/29/KE, il-prodott rilevanti kkonċernat għandu jiġi kkonsidrat bħalha mhux iżjed eliġibbli bħalha prodott għal xhiex kontrolli tas-saħħa tal-pjanti b'inqas frekwenza jistgħu jsiru.

Artikolu 6

Fejn, abbażi ta' l-eżami msemmi fl-Artikolu 5(2), jew il-kunsiderazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), jew jekk evidenti minn notifiċi aktar riċenti ta' prodotti miżmuma fl-Istati Membri, jidher li l-prodott konċernat ma jissodisfax aktar id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha temenda l-

elenku ta' prodotti konċernati għal xhiex kontrolli tas-saħħa tal-pjanti tista' ssir b'inqas frekwenza, u tippublika l-imsemmija emenda.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut l-iżjed tard sa l-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-11 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkun fiha:

- a) deskrizzjoni tal-prodotti konċernati;
- b) l-oriġini tal-prodotti konċernati;
- c) l-elenu ta' l-Istati Membri li jimpurtaw il-prodott konċernat;
- d) il-volum ta' importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti konċernati, espress f'numru ta' kunsinni u piż jew biċċiet jew unitajiet;
- e) l-elenu ta' organizzmi li jagħmlu l-ħsara msemmija fl-Anness I jew II għad-Direttiva 2000/29/KE li jistgħu jsiru fuq il-prodott konċernat;
- f) in-numru ta' kunsinni tal-prodott konċernat miżmuma għall-preżenza ta' organizzmi li jagħmlu l-ħsara msemmija fl-(e);
- g) il-mobilità stmata ta' l-organizzmi li jagħmlu l-ħsara msemmija fl-(e) fl-iżjed stadju mobbli fejn l-organizzmu jista' jiżviluppa fuq il-pjanta relevanti jew il-prodott tal-pjanta;
- h) in-numru ta' kunsinni tal-prodott konċernat miżmuma għal raġunijiet oħra għajr il-preżenza ta' organizzmi li jagħmlu l-ħsara msemmija fl-(e);
- i) in-numru ta' kunsinni tal-prodotti konċernati fuq xhiex sar kontroll fiżiku tas-saħħa tal-pjanti.

Fir-rigward ta' l-informazzjoni msemmija fil-punti (d), (f), (h) u (i), l-inkartament għandu jipprovdi data li tkopri l-perjodu ta' lanqas ta' tlett snin ta' qabel is-sena li fiha hija sottomessa.

ANNEX II

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.1 għandu jkun fiha għal kull wieħed mill-prodotti konċernati:

- a) in-numru totali ta' kunsinni mpurtati;
- b) in-numru totali ta' kunsinni kontrollati;
- c) in-numru totali u d-dettalji ta' organizzmi li jagħmlu l-ħsara miżmuma elenkati fl-Anness I jew II għad-Direttiva 2000/29/KE relatati mal-kunsinni mpurtati skond din id-Direttiva;
- d) in-numru ta' kunsinni tal-prodotti konċernati miżmuma għal raġunijiet oħra għajr il-preżenza ta' organizzmi li jagħmlu l-ħsara msemmija f'(c) u d-dettall tagħhom;